MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 199/2002

Il-Pulizija
(Spettur Neil Harrison)
vs
Raymond Azzopardi

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 t'Awissu 2001 u fl-ahhar granet qabel dina d-data kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Settembru, 2002, li biha sabet lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-regolament 8 tal-GN 292/39 izda lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn skond l-artikolu 9

tal-Kap 152 u ordnatlu li jhallas is-somma ta’ LM23.50 bhala spejjes tal-Qorti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta’ Settembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza w tilliberah mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi . Illi dan hu kaz sfortunat fejn persuna nnocenti qeghdha ngustament tghaddi proceduri kriminali w dan jista’ jkollu konsegwenzi serji hafna fuq il-karriera tieghu w hajjtu. Illi l-versjoni tal-esponent moghtija “a tempo vergine” kienet dejjem li huwa ma kien rema’ xejn. Illi l-Pulizija li xehdu li kien rema’ xi haga kienu kemmxejn il-boghod . Il-versjoni tal-appellant certament treggi sal-grad tal-probabbli w anki oltre. Illi s-sentenza appellata ftit li xejn hija motivata w kull ma hemm hija versjoni ta’ Pulizija wiehed kontra dik tal-appellant .

Fliet l-atti kollha processwali;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fil-kors tas-seduta tat-30 ta’ Jannar, 2003;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-31 ta’ Jannar, 2003, li biha fuq ordni tal-Qorti, esebixxa kopja aggornata tal-fedina penali tal-appellant ;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat ;

Illi dan hu appell li jdur fuq l-apprezzament tal-provi traskritti li ingabru mill-Ewwel Qorti w kif dejjem gie ritenut , din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi sakemm il-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti ma tkunx tidher li hija legalment jew logikament zbaljata w sakemm ma tkunx tidher li hija wahda “unsafe and unsatisfactory”.

Hekk gie ritenut li :-

“Hu principju stabilit fil-gurisprudenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.” (App. Krim. “Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et.” [6.6.1994] per V. De Gaetano J. )

u

“Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha.” (ara :App. Krim. “l-Pulizija vs. Raymond Psaila et.” [12.5.1994] , “Il-Pulizija vs. Joseph Zahra” [10.5.2002] u ohrajn.)

Illi l-Ewwel Qorti qalet li mill-provi migjuba kienet tal-fehma li l-akkuza tirrizulta sodisfacentement pruvata skond il-ligi . Hu minnu li din hija motivazzjoni pjuttost sekka , pero’ f’dan il-kaz ma kienx hemm “scale di seta” fil-provi . Minn banda wahda ghandek lil WPS 45 Marisa Bartolo u PS 368 Stephen Monreal li xehdu b’mod kategoriku w inkonfutabbli li fir-road block li kienu qed jaghmlu l-Marfa fid-9 t’ Awwissu, 2001, raw lill-appellant jitfa’ xi haga mit-tieqa tal-passiggier li wara rrizulta li kienet resina tal-cannabis u l-versjoni tal-appellant li jghid li ma rema’ xejn. Ghalhekk l-Ewwel Qorti, trattandosi ta’ kawza ta’ pussess semplici, kienet gustifikata li timmotiva d-dikjarazzjoni ta’ htija billi tghid biss dak li qalet .

Din il-Qorti regghet fliet il-provi w ma tara li hemm ebda raguni ghala ghandha tiskarta d-depozizzjoni taz-ZEWG ufficjali tal-Pulizija fuq imsemmija u mhux wiehed kif jinghad fir-rikors tal-appell . PS. 386 STEPHEN MONREAL xehed li hu kien f’pozizzjoni fejn fir-road block kien l-ewwel wiehed li qed iwaqqaf il-karozzi . Kien gie l-appellant bil-karozza tieghu , ghamillu sinjal biex jieqaf u waqaf qiesu wisgha tal-kamra ‘l boghod minnu . Hin

minnhom l-appellant baxxa rasu fuq l-steering u ma ccaqlaqax . Meta x-xhud resaq vicin tieghu biex jara x’inhu jaghmel, , gholla wiccu w ra lix-xhud vicin tieghu w qabad u rema’ xi haga mit-tieqa tal-passiggier. Hu mar gabarha w sab li kienet bicca rasa tal-cannabis mgezwra go foil li hu gharaf fil-Qorti bhala Dok NH1. Sussegwentement ghamlu tfittxija fil-karozza w fuq is-seat u fuq id-dashboard hdejn il-gear lever kellu l-oggetti esebiti (Dok NH 2) . Hu kien eleva r-raza mill-ewwel fejn giet fuq il-haxix qiesu bankina kbira maqlugha w fejna ma kien hemm xejn aktar . Fil-karozza ma kienx hemm droga. Kien hemm borza tabakk li taghmel s-sigarretti w xi haga biex tobrom is-sigarretti.

PS MONREAL hu korroborat minn WPS 45 MARISA BARTOLO li xehdet li f’ dak ir-road block rat vettura Kia Rio kulur mustard gejja fid-direzzjoni taghhom . Din waqfet f’ nofs it-triq . Rat lix-xufier jiggebbed lejn in-naha tal-passiggier u minn got-tieqa rema’ xi haga. Marru fid-direzzjoni fejn kien rema’ w hemm rat lil PS Monreal jigbor xi haga li kienet suspettata li kienet resina tal-cannabis. Fil-car waqt it-tfittxija sabu xi karti rizla .Gharfet lill-appellant bhala d-driver li kien fil-car. Dak il-hin li rema l-appellant kien tul tal-awla tal-Magistrati mill-wisa’ ( u mhux kemmxejn boghod kif jintqal fir-rikors tal-appell) . Dak il-hin qalet lil shabha “Oqghodu attenti ghax rema’”. Kien ghadu d-dawl sew u setghu jaraw . Id-droga sabuha mill-ewwel u kienet fil-wicc tal-haxix u la kellha trab u lnqas kienet imxarrba. Sabu ukoll karti tal-brim fejn ikun hemm il-gear lever bejn is-seats. Karozzi kienu waqqfu kemm il-wahda imma x’hin kien gej l-appellant, hu kien l-uniku wiehed gej.

Ghalkemm hu minnu li l-appellant cahad li hu kien rema’ xi haga kemm ma WPS Bartolo kif ukoll fl-istqarrija mall-ispettur, din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti ghax wara kollox mhux kull konflitt fil-provi ghandu necessarjament iwassal biex jiggenera dak id-dubbju dettat mir-raguni f’ mohh il-gudikant tal-fatt. Umbaghad meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti , l-appellant biex jipprova jitfa’ dubju fuq dak li setghu raw il-Pulizija, semma ghall-ewwel darba li meta

hu kien ra li ser iwaqqfuh u x’aktarx ser jitlef il-vapur, gholla idejh ix-xellugija. U kien meta gholla idejh li sema l-Pulizija jghidu mill-boghod “Waqqfuh . Waqqfuh . ghax rema’ d-droga.” Hu sintomatiku pero’ li din ic-cirkostanza l-appellant ma kienx semmiha waqt l-interrogatorju li sarlu mill-Ispettur Harrison (fol. 6 tal-process) u hareg biha biss quddiem il-Qorti , disa’ xhur wara l-incident. Jekk kienet daqshekk innocenti il-mossa tieghu , wiehed jistaqsi ghaliex meta gie mistoqsi mill-Ispettur Harrison ghal darba , dabtejn jekk kienx rema’ xi haga, wiegeb biss li ma kien rema’ xejn u ma semmiex li kien ghamel dal-gest b’idejh jekk issa qed ihoss li hu tant importanti li jsemmieh fix-xiehda tieghu. Dan jimmina sew il-kredibilita’ tal-appellant.

Gie ukoll assodat mir-relazzjoni tal-espert forensiku Spizjar Mario Mifsud li l-blokka ta’ sustanza kannella go bicca plastic trasparenti f’ ammont nett totali ta’ 4.338 grammi , nstabet fiha s-sustanza TETRAHYDROCANNABINOL li tigi mill-pjanta CANNABIS u li hija sustanza kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. (Fol. 39 tal-process) .

Fl-istat tal-provi li ghandha din il-Qorti u li kellha ukoll l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tissindaka l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti .

Illi ma jidhirx li hemm xi appell mill-provvediment tal-applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kap.152 ghal zmien sentejn li din il-Qorti thoss li kien wiehed benevolu konsidrat il-fatt li l-appellant kien gja nstab hati ta’ pussess tad-droga cannabis b’sentenza precedenti w inghata l-istess beneficcju tal-liberta’ kondizzjonata darba’ ohra .

Ghalhekk l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Pero’, peress li l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruha ghat-talba tad-difiza li ghandha ssir rakkomandazzjoni li din is-sentenza m’ghandhiex ikollha rifless fuq l-impieg tal-

appellant , din il-Qorti qed taghmel tali rakkomandazzjoni lill-awtoritajiet tal-Armata biex tinghata il-konsiderazzjoini xierqa .

--------------------------------TMIEM--------------------------------